**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**15 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 69/2020**

**Francis Felice**

**Vs**

**L-Awtorità tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Francis Felice** ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti u familtu ilu għal iżjed minn dawn l-aħħar ħamsin sena, jokkupa art li tinsab biswit ir-residenza tiegħu bl-isem ta' 'Casa Felice' Triq l-Indipendenza Żebbuġ; Illi l-esponenti jqis li ddekorriet il-preskrizzjoni akkwisittiva fuq l-imsemmija art a favur tiegħu u jekk xejn u bla preġudizzju u f'pessima ipotesi anke jekk għal xi raġuni dina t-teżi ma tirnexxix, l-esponenti jixtieq li jakkwista l-art in kwistjoni;*

*Illi l-intimati permezz ta' ittra uffiċjali datata 13 ta' Mejju 2020 talbu l-iżgumbrament tal-esponenti minn l-art li tinsab biswit dik tar-rikorrenti ġewwa Triq l-Indipendenza Żebbuġ;*

*Illi l-esponenti qiegħed bil-preżenti skrittura jikkontesta l-pretenzjoni msemmija kif kontenuta fl-istess ittra uffiċjali;*

*Għalhekk l-esponenti qiegħed ai termini tal-artikolu 12[5] tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob lil dana l-Onor. Tribunal jogħġbu għar-raġunijiet premessi jordna u jiddikjara li t-talba għall-iżgumbrament kif kontenuta fl-ittra uffiċjali datata 13 ta' Mejju 2020 tiġi dikjarata nulla u ble effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi".*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tad-Djar** datata 24 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *"Illi qed tiġi annessa kopja tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Mejju 2020 li permezz tagħha ai termini tal-Kap 573 tall-Liġijiet ta' Malta, Francis Felice għandu jiġi żgumbrat mill-art li qed jokkupa mingħajr ma għandu titolu –* ***Dok A.***

2. *Illi ir-raġuni għall-iżgumbrament huma li l-attur ma għandu ebda titolu fuq l-imsemmija art;*

3. *Illi fil-fatt l-attur qed jokkupa illegalment il-biċċa art markata bl-aħdar fil-pjanta annessa bħala* ***Dok B.***

4. *Illi din l-art flimkien ma' biċċa art akbar għaddiet għand l-Awtorità tad-Djar minn għand il-Joint Office u dan permezz ta' LN 120/99 li kopja tiegħu qed jiġi anness u markat* ***Dok C.*** *Fuq din l-art irid isir isir proġett ta' akkomodazzjoni soċjali bl-interbent ta' MALITA.*

5. *Illi meta kienu se jinbdew ix-xogħlijiet ġie innutat li din il-biċċa art kienet okkupata minn terzi – u minn investigazzjonijiet irriżulta li hi okkupata minn Francis Felice.*

6. *L-attur kien xtara plot 14 li kif ser jiriżulta ma kenitx tinkludi din l-art li qed jokkuppa illegalment u l-Awtorità tad-Djar ma għandha ebda intenzjoni li tbigħhielu.*

7. *Illi ir-ritratt bl-isem illegally occupied site (****Dok E****) – juri li l-art li hi okkupata illegalment sar xi bini fuqha wara l-1998 u allura m'huwiex minnu dak li qed jgħid ir-rikkorrent illi ilu jokkupa din l-art 50 sena.*

8. *Illi fil-kuntratt li bih l-attur xtara plot 14 – hemm id-daqs tal-plot li kien xtara minn għand l-Uffiċċju Konġunt. Joħroġ ċar li l-art mertu tall-kawża ma kenitx inkluża fil-bejgħ. U għalhekk kienet baqgħet tal-Uffiċċju Konġunt u b' hekk saret propjeta tall-Awtorità tad-Djar.*

9. *Illi biex persuna tkun tista turi li art hi tagħha billi biss tvanta il-preskrizzjoni akkwiżittiva, hi tkun trid turi li dik l—art tkun iet għandha b' att li kapaċi jittrasferixxi it-titolu – f' dan il-każ b' att pubbliku. Issa huwa ċar li ma hemm ebda att pubbliku li juri li l-art mertu tall-kawża ġie xi darba ttrasferita lill-attur. Fil-fatt huwa indikattiv ħafna il-fatt li l-attur ma ipproduċa ebda kuntratt jew att ieħor biex isostni u jissostanzja it-talba tiegħu.*

10. *Illi huwa evidenti li l-attur qed jipprova jisraq u jarroga għalih art li huwa jaf li mhijiex tiegħu.*

11. *Illi intant dwar l-allegazzjoni li l-attur seta akkwista bi preskrizzjoni, referenza issir għall-Art 2115 (1)*

*2115. (1) Il-preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet lijmissu lil kull persuna, istitut, jew korp morali, bla distinzjoni, kifukoll il-beni suġġetti għal fedekommess.*

*(2) Iżda, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156.*

*U inoltre l-elementi neċessarji tal-preskrizzjoni ma jissussistux f' dan il-każ.*

12. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali Numru 1129/20 datata 13 ta' Mejju 2020 li permezz tagħha talbet lir-rikorrent jiżgombra minn art fi Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istess ittra u dan stante li r-rikorrent kien qiegħed jokkopa l-imsemmija art **minghajr ebda titolu validu fil-liġi**.

Illi fl-appell tiegħu u fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent issottometta illi huwa ilu jokkupa l-imsemmija art għal dawn l-aħħar ħamsin sena u għalhekk iqis li ddekorriet il-preskrizzjoni akwiżittiva.

**Ikkunsidra:**

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ilu joqgħod fil-fond numru 14, Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ għal madwar wieħed u tletin sena. Jispjega li fuq wara tad-dar tiegħu hemm ġardina fejn għandu xi siġar u klieb tal-fenek. Jispjega li xi ħamsin sena ilu din il-biċċa art kienet ġiet għandu bil-permess ta' ċertu Dun Gużepp Caruana, illum mejjet. Jgħid li f'dawn is-snin kollu qatt ħadd ma kellmu sakemm irċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni.

**Andrew Xuereb,** *Senior Officer* fis-Sezzjoni Legali tal-Awtorità intimata, spjega illi l-art in kwistjoni hija parti minn art ikbar maħsuba biex tiġi żviluppata għal binjiet għall-akkomodazzjoni soċjali. Spjega illi għalhekk fis-26 ta' Marzu 2020 l-Awtorità intimata bagħtet ittra lir-rikorrent fejn infurmatu li kien qiegħed jokkupa l-art illegalment u sbiex

jirritorna l-pussess vakanti tagħha. Madankollu l-Awtorità ma rċeviet l-ebda risposta għal din l-ittra. Għalhekk l-Awtorità ipproċediet billi fit-13 ta' Mejju 2020 ippreżentat l-ittra uffiċjali mertu ta' dan l-appell.

**Jean Paul Fiott**, *Manager* fi ħdan l-Awtorità intimata, spjega illi r-rikorrent kien xtara l-art fejn wara bena d-dar tiegħu fil-31 ta' Ottubru 1992. Jispjega wkoll illi mill-pjanta annessa mal-istess kuntratt ma hemm l-ebda dubju illi l-art in kwistjoni ma kinitx tifforma parti mill-istess akkwist. Jispjega wkoll illi mill-*aerial photos* jirriżulta illi sal-1978 din il-biċċa art ma kintix kultivata u kienet tifforma parti minn għalqa ikbar. Jispjega wkoll illi mill-*aerial photo* tal-1988 jirriżulta illi ma kien hemm l-ebda diviżjoni bejn din l-art u l-kumplament tal-art li ġiet allokata lil terzi bħala *plots*. Ix-xhud ta spjegazzjoni dettaljata għaliex din l-art qatt ma setgħet tiġi akkwistata bil-preskrizzjoni akwiżittiva, fost oħrajn in vista ta' artikolu 2115 tal-Kodiċi Ċivili li jistabilixxi li l-eċċezzjoni tal-prekrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ħlief f'ċerti każijiet, liema każijiet ma jinkludux il-preskrizzjoni akwiżittiva ta' dritt reali.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-31 ta' Ottubru 1992 ir-rikorrent xtara biċċa art mingħand ċertu Emanuel Camilleri liema art kienet immarkata bħala Plot 14 fi pjanta annessa ml-istess kuntratt.[1] Illi minn din il-pjanta, meta mqabbla mal-pjanta annessa mal-ittra uffiċjali appellata, jirriżulta ċar illi l-art li minnha qiegħed jintalab jiżgombra r-rikorrenti ma kinitx inkluża fil-kuntratt ta' akkwist tiegħu tal-1992.[2] Illi del resto m'hemm l-ebda kontestazzjoni illi din il-biċċa art hija distinta u li qatt ma kienet tifforma parti mill-art li r-rikorrenti kien xtara permezz tal-kuntratt t'akkwist tal-1992.

Illi l-argument li qiegħed iressaq 'il quddiem ir-rikorrenti huwa li kien ingħata l-permess jokkupa din l-art mingħand ċertu Dun Gużepp Caruana, illum mejjet, u li għalhekk iddekorriet il-preskrizzjoni akwiżittiva bid-dekors ta' oltre tletin (30) sena.

Illi minn eżami tar-rikors tal-appell jirriżulta li ma ġie indikat l-ebda artikolu tal-Liġi li jindika abbażi ta' liema artikolu fil-Kodiċi Ċivili r-rikorrent qiegħed jivvanta li huwa akkwista l-imsemmija art bi preskrizzjoni. Waqt it-trattazzjoni ġie indikat illi r-rikorrent akkwista permezz tal-preskrizzjoni bid-dekors iktar minn tletin (30) sena, pero` għal darb'oħra bl-ebda referenza għal xi artikolu partikoli tal-liġi.

Illi minkejja dan kollu, huwa ovvju li r-rikorrenti qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-pussess *ad usucapionem* ossia l-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena li għandha bħala l-elementi tagħha il-pussess leġittimu bir-rekwiżiti kontemplati fl-Artikolu 2107 tal-Kapitolu 16, u ċioè, li l-pussess ikun kontinwu għal dan it-tul taż-żmien, pussess mhux miksur, pubbliku u mhux ekwivoku għaż-żmien li tgħid il-liġi. L-oneru ta' din il-prova tirrisjedi esklussivament fuq min qed jallega, f'dan il-każ ir-rikorrent, fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui*

[1] Eesebiti bhala Dokumenti JP6 u JP7 a fol. 81 sa 84
[2] Esebita a fol. 21 tal-process

*negat*; u fid-dottrina u l-ġurisprudenza hija deskritta bħala prova dijabolika stante li jeħtieġ li tkun univoka fis-sens li ma treġġix jekk iċ-ċirkostanzi ta' fatt jistgħu jagħtu lok għall-interpretazzjoni.

Illi rigward l-oneru tal-prova jiġi osservat li, għalkemm l-Artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' titqies kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva, tajjeb li jiġi rammentat li l-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li huwa tiegħu ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwiżittiva konvolġenti l-pussess tal-eċċipjent.[3] Ir-relevanza ta' dan toħroġ mill-fatt li, nonostante li r-regola kontemplata fl-artikolu preċitat tapplika fil-ġeneralità tagħha kemm għall-preskrizzjoni estintiva kif ukoll għal dik akkwiżittiva, hemm distinzjoni elementari bejn dawn iż-żewġ preskrizzjonijiet; għax filwaqt li fil-preskrizzjoni estintiva l-eċċepjent huwa tenut jipprova biss il-perkors taż-żmien statutorju applikabbli u imbagħad ikun jispetta lill-attur kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jagħżel it-triq u l-mezz li tagħtih din il-liġi biex jinnewtralizża tali eċċezzjoni; fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva, din tirrikjedi l-prova mhux biss tal-perkors taż-żmien stabbilit mill-liġi, imma wkoll tal-elementi kollha li l-liġi teżiġi li jiġu pruvati biex din l-eċċezzjoni tirnexxi.[4]

Iżda malli l-attur jipprova d-dritt tiegħu ta' dominju *"m'għandux għalfejn jagħmel xejn iżjed; senjatament m' għandux għalfejn jagħmel il-prova negattiva li l-konvenut m'għandux id-dritt reali li qed jikkampa in kwantu tali prova tispetta allura lill-konvenut li jkun qed jallegaha"*.[5] Jiġi osservat wkoll f' materja ta' pussess li min jidditjeni b'titolu prekarju ikun qed jidditjeni f'isem il-pussessur u *"a person is not a possessor if he holds things in the name of another person; such thing is possessed by the person in whose name it is held. Consequently only the person in whose name a thing is held or who possesses the thing as his own may prescribe"*.[6] Rilevanti wkoll li jiġi rilevat li skond l-Artikolu 2118 tal-Kodiċi Ċivili dawk li jżommu f' isem ħaddieħor ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infushom, jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Dawn jinkludu l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji u ġeneralment dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infushom, *uti dominus*. Għax *"mhux biżżejjed li jkollok id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja"*.[7]

Rigward il-kunċett tal-pussess rikjest, jinsab mgħallem illi tnejn huma l-elementi bażiċi tiegħu: dak materjali konsistenti fil-poter ta' fatt fuq il-ħaġa, u dak intenzjonali konsistenti fl-*animus* tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien proprjetarju tagħha. Mhux biżżejjed li jkun eżerċizzju bil-bona grazzja jew tolleranza.[8]

---

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Carolina Davison vs Marianna Debono et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1935

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Josianne Sciberras vs Giovanni Vella u s-sentenza fl-ismijiet Jeremy Holland noe vs Joseph Chetcuti decizi rispettivament mill-Qorti ta' l-Apprll fil-21 ta' Frar 1996 u fil-25 ta' Frar 2000

[5] Carmelo Mercieca vs Emanuela Sant deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Lulju 1968

[6] Professur Victor Caruana Galizia – Noti tad-Dritt Civili – Of Prescription

[7] Victor Chetcuti vs Michael Xerri deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996

[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza Carmelo Caruana vs Orsla Vella deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Lulju 1999

Illi huwa evidenti li r-rikorrenti kien konsapevoli mill-bidu nett illi huwa kien qiegħed jipposjedi bil-bona grazzja ta' ċertu Dun Gużepp Caruana, li ma jirriżulta li għaddielu l-ebda dritt fuq l-art in kwistjoni ħlief li qallu li jista' jużaha, u kwindi r-rikorrenti ma jirriżultax li kellu dak l-*animus* li jgawdi xi dritt fuq l-istess art *qua* proprjetarju tagħha. Iżda, iżjed minn hekk, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 2115 (2) tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li l-istess eċċezzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156. Kwindi l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili huwa eskluż minn dawk l-istanzi fejn terz jista' jeċċepixxi li akkwista dritt reali abbażi tal-preskrizzjoni akwiżittiva ta' tletin sena fil-konfront tal-Gvern ta' Malta.

Kwistjoni simili ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-9 ta' Ġunju 1951, fl-ismijiet **Onorevoli Edgar Cuschieri O.B.E. et vs Lorenzo Baldacchino**. F'din is-sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet hekk: *"Illi, kif jidher mill-kummenti għall-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, korrispondenti għall-art. 2220 (illum 2115) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 23 tal-Lijiet ta' Malta, ta' Sir Adrian Dingli dwar il-paragrafu jew subsezzjoni, fejn hemm maħsub li ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontra l-jeddijiet u azzjonijiet tal-Kuruna, salvi l-eċċezzjonijiet hemm immsemmija, kif ukoll dawk maħsuba taħt l-artikolu 2221 (illum 2116) tal-Kodiċi Ċivili in vigore, dik id-disposizzjoni ssib l-għeruq tagħha fid-Dritt Ruman, u preċiżament fl-Istituzzjonijiet, Liber II, Titolu VI, para 9, fejn jingħad li: "Res fisci nostril usucapi non potest", u fil-Kodiċi "Communia de Usucaptionibus" Liber VII, Titolu XXX, Lex 2 (ara Brunemanni "commentaries ad Codicem" Vol. 2, pag. 28, Laurenti ex typis Fraterum Rossi Ed forum, 1843). B'mod li l-liġi tagħna "in subjecta materia" ma segwietx la l-Kodiċi Franċiż u lanqas il-Kodiċi Taljan (ara Appell 4 ta' Ottubru 1935 in re "Giuseppe Galea u oħrajn vs Paolo Gauci u oħrajn", Volum XXIX. P I, pag. 279);*

*Illi bl-avveniment tad-Dominanza Ingliża u biċ-ċessazzjoni tal-prerogativa dipendenti mill-voler arbitrarju tas-Sovran, Sir Thomas Maitland, biex jassikura l-pertenenzi tal-Kuruna għan-nom tal-Maesta Tiegħu r-Re ħareġ Proklama nru. I tal-10 ta' Frar 1815, u dak nru. IV tas-27 ta' Marzu 1824, fejn intqal li "nessun termine di prescrizione di qualsiasi specie puo applicarsi alle pertinenze della Corona in queste Isole"; liema proklami ġew konfermati in segwitu fl-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum l-Artikolu 2115 tal-Kodiċi Ċivili) (ara Appell 30 ta' Marzu 2016 "Onorevoli Carmelo Pace Bardon ne. vs. Sacerdote Don Antonio Barbara ne." Vol. XXIII, Parte I, pag. 67);*

*Illi t-terminu "res" fiċ-ċitazzjoni ta' l-Istituzzjonijiet u tal-Kodiċi għandu jkollu s-sens li taw lil dik il-kelma l-ġurekonsulti rumani u ċioe "Rei appellation et causae et jura continentur" (ara Ulpianus, L. 23 Dig. "De Verborum Signifcatione"), liema sens ġie ċċarat bl-art. 2220 (illum 2115) tal-Kodiċi Ċivili fejn jingħad li l-preskrizzjoni ma tistax tiġi opposta kontra d-drittijiet u l-azzjonijiet spettanti lill-Kuruna.*

*Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad li l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, kif hemm maħsub fl-art. 1070 (illum 1027) tal-Kodiċi Ċivili, ma tistax tiġi milqugħa, minħabba t-tieni subsezzjoni ta' l-art. 2220 (illum 2115) tal-Kodiċi Ċivili, l-għaliex l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għad-disposizzjoni "de quo" taħt l-art. 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261 (artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156) tal-Kodiċi Ċivili ma tirrikorri biex tinnewtralizzaha. Jingħad in oltre li lanqas l-art. 2221 (illum 2116) tal-Kodiċi Ċivili ma jista' jingħad li jidħol in operazzjoni biex joqtol dik il-preskrizzjoni; l-għaliex l-art. 1070 (illum 1027) tal-Kodiċi Ċivili, meta ddispona l-preskrizzjoni ta' l-indebitu, għamel referenza għad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar*

*il-preskrizzjoni sabiex dik il-preskrizzjoni tkun tista' tingħad li waqgħet, u f'dak it-titolu d-drittijiet u l-azzjonijiet tal-Kuruna ma jaqgħux ħlief fil-każijiet hemm determinati, li ma jidħolx taħthom il-każ ta' dritt jew ta' azzjoni ta' indebitu tal-Kuruna. Meta, tabilħaqq, il-leġislatur ried li l-preskrizzjoni jkollha effikaċja kontra l-Kuruna, huwa qalu, bħal ma jidher mill-art. 2225(e) (dak li kien l-artikolu 2149(e), li ġie 7 abrogat bl-Att VIII tal-2007) tal-Kodiċi Ċivili, u mill-art. 518(1) (illum 481(1) ta' l-istess Kodiċi.*

*Illi kwindi, di fronti għad-disposizzjoni ġenerali 2220(2) (illum 2115(2)) tal-Kodiċi Ċivili, u fin-nuqqas tal-fatt li l-leġislatur, kif fejn ried għamel hekk, ma segwiex l-istess metodu ta' esklużjoni – liema metodu, skond l-ermenewtika legali, għandu jiġi interpretat fin-negattiv – l-eċċezzjoni konvenuta ma tistax tiġi milqugħa; (ara fl-istess sens is-sentenzi Joseph Lungaro Mifsud noe vs. Albert Inguanez deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 1964, u Avukat Ġenerali vs. Av. Dr. Philip Sciberras et nomine deċiża fit-30 ta' Lulju 1979 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.)"*

Fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati tagħna suespost, dan it-Tribunal ma jarax kif il-preskrizzjoni invokata mir-rikorrenti tista' ssib sostenn.

Illi għalhekk, stante li t-trapass taż-żmien kien l-uniku difiża li ressaq ir-rikorrent, dan it-Tribunal iqis li bl-ebda mod ma xejjen il-prova mressqa mill-Awtorità intimata li l-art in kwisjtoni tappartjeni lilha u li hu m'għandu l-ebda titolu fuqha.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jara l-ebda raġuni għaliex għandu jiddikjara t-talba għall-iżgumbrament mertu ta' dan l-appell bħala waħda nulla u bla effett.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata u għaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 1129/20 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 9 tal-proċess, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi terminu perentorju ta' tletin (30) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jiżgombra u jneħħi kull oġġett mobbli appartenenti lilu mill-porzjon art fi Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ u kif aħjar indikata bil-kaxxi kulur aħdar fil-pjanta Dokument AX1 a fol. 33 tal-proċess.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**